MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 62/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mis-16 t'Awissu sa 12 ta' Settembru, 2008, naqas milli jaghti lill-mara tieghu Emanuela sive' Lilian Cauchi, s-somma ta' €466 (LM200) dovuti lilha bhala manteniment kull erba' gimghat bil-quddiem, inkwantu €349 (LM150) ghat-tifel taghhom Ronald li ghandu 16-il sena li qieghed fil-kura w kustodja taghha, w dan skond digriet datat 1 ta' Dicembru, 2006 mahrug mill-Qorti ta' l-Appell preseduta mill-Onor. Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar, 2009, li biha, wara

li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, li minnha jirrizulta li l-appellant diga' nstab hati tal-istess reat diversi drabi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi umanitarji (Sic!) tal-appellant u 2. li fl-avviz [recte: "komparixxi"] hemm zball fejn il-manteniment gie deskritt bhala *"€466 (LM200) dovuti lilha bhala manteniment kull erba gimghat bil-quddiem , in kwantu 349 Euro (LM150) ghat-tifel Ronald"* mentri skond id-Digriet tal-Qorti tal-Appell kellu jkun €466 (LM200) fit-total tieghu maqsum €349 (LM150) ghat-tifel taghhom Ronald u €116.50 (LM50) ghal martu.

Rat li fis-seduta tal-lum gie dikjarat mid-difensuri li ma sar ebda hlas fil-mori tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi stante li l-appell jirrigwarda biss il-piena, l-aggravju dwar xi zball fil-komparixxi ma jistax jigi nvestigat f' dan l-istadju ghax dak ikun jirrigwarda l-mertu w s-sejbien ta' htija. F' kull kaz, ma jidhirx li hemm xi zball rilevanti ghax jekk minn total ta' €466, €349 huma ghat-tifel, isegwi awtomatikament li l-bilanc hu dovut lill-mart l-appellant. Ghalhekk l-appellant seta' jifhem preciz ta' x'hiex kien qed

jigi akkuzat u seta' jiddefendi ruhu konformement. Ghalhekk dan l-aggravju mhux ser jigi milqugh.

Illi fir-rigward tal-Ewwel aggravju dwar il-piena eccessiva, l-principju regolatur hu li l-Qorti tal-appell ma tvarjax il-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva ghall-kaz in ezami.

Certament li f' dan l-kaz il-piena ta' gimgha detenzjoni tidhol sew fil-parametri tal-ligi fejn il-piena massima hi addiritura dik ta' xaharejn detenzjoni.

Illi ma nghatat ebda raguni ohra ghala l-piena hija eccessiva fir-rikors tal-appell hlief dak li gie imsejjah *" ragunijiet umanitarji"* (Sic!) u din il-Qorti ma tarax li rrizultaw xi cirkostanzi impellenti li jimmilitaw favur riduzzjoni fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------